Novella

# META L-MOĦĦ JGĦEJJA

**Mill-pinna ta' ĠORĠ PERESSO, din in-novella kienet ippubblikata fir-rivista *Il-Messaġġier Tereżjan* ta' Ottubru-Diċembru 1969. Min-novella toħrog l-impressjoni ta' l-awtur dwar Ħad-Dingli, l-inħawi ta' l-irdumijiet u l-Fawwara lura fis-snin sittin tas-seklu li għadda.**

"Mur oħroġ u derri ftit", qaltli ommi hekk kif erġajt qgħadt imdejjaq quddiem il-kotba u gergirt minn taħt l-ilsien li kelli uġigħ ta' ras. Kieku sewwa kienet qiegħda tgħidli, għax kont qiegħed inħossni għajjien wisq: imma għalija ma kienx hemm mistrieħ sakemm jgħaddi dak l-imbierek ta' eżami li għalih kont intfajt b'ruħi u ġismi. Moħħi kien dejjem jaħseb, jħewden u jberren. Mal-lejl ftit kont norqod. Kont noħlom fuq l-eżamijiet: swali twal u mudlama, *supervisors* b'wiċċ imqit, mistoqsijiet twal, idejja iebsa, pinna bla linka. X'fantasija! Mhux ta' xejn matul il-jum kont inħoss rasi tqila. Minn nofs ta' nhar studju, bil-kemm kont qiegħed niġbor frott ta' siegħa għax ħafna drabi għajnejja kienu jingħalqu u l-ħsibijiet ta' moħħi kienu jinfirxu għal rashom fi spazju li ma jispiċċa qatt ta' ħolm bla sens. Kont qiegħed insibha iebsa u tqila biex ngħaqqad ħsieb ma' ieħor. Bil-fors li kont għajjien ħafna. Forsi ommi kellha raġun.



*L-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli.*

"U jmur jindifen dan l-eżami", għedt bejni u bejn ruħi. Imbagħad għedt lil ommi biex tlestili xi ħaġa ta' l-ikel għax dak in-nhar kont bi ħsiebni mmur nagħmel mixja twila. F'kemm ili ngħidlek kont fuq il-karozza lejn il-Belt. Meta wasalt Putirjal qgħadt noqgħod naħsibha fejn sejjer immur. Ridt imkien għall-kwiet fejn kont nista' nħossni maqtugħ mill-ħsejjes tal-karozzi u mill-għagħa ta' l-ibliet u l-irħula. Għalhekk qtajtha li mmur sa *Dingli Cliffs*.

Il-karozza, li telqet xi nofs siegħa wara, ħaditha bil-lajma l-lajma, bil-kemm niċċaqilqu sakemm għaddejna Birkirkara; imbagħad ix-xufier fetħilha *full gas*, bil-makna tagħmel ħsejjes ta' l-infern u l-ħġieġ tat-twieqi jfaqqgħu u jitheżżu qishom sejrin jitfarrku. Meta wasalt, ħadt ir-ruħ, għax iċ-ċaqlieq kien għoddu dardarni. Ġbitha lejn *Dingli Cliffs* bil-mod il-mod. Hemm ġibda mhux ħażin, imma tieħu gost timxiha. Ħaġa ta' l-għaġeb kemm huma nodfa t-triqat ta' Ħad-Dingli u kemm kwiet kien hemm, għax ftit u xejn li kont tara nies barra.

Kien jinstama' biss leħen Carmen Carbonaro li kienet qiegħda tagħti xi pariri lin-nisa Maltin, u f'ħin minnhom leħen ta' xebba li bdiet tkanta kanzunetta ta' Gianni Morandi.

Id-dehra li tinfirex minn quddiem għajnejk minn *Dingli Cliffs* hija waħda mill-isbaħ u li tgħaxxqek. F'xifer dak il-blat għoli ħassejtni nistrieħ tassew, mifrux f'dik il-firxa kaħlanija ta' baħar u sema flimkien.

Minn hemm fuq, Filfla kienet tidher aktar misterjuża, għaliha waħedha, hemm f'nofs dak il-baħar li donnu ma kienx bħal ibħra l-oħra tax-xtut. Kien hemm xi ħaġa selvaġġa fih, ukoll jekk dak il-ħin bil-kemm

mewġa ma kienet tidher titharrek. Kien il-kwiet ta' bhima rieqda, mhux mansa.

Ġew xi żewġ turisti xjuħ. Id-*driver* beda jfarrkilhom xi ħaġa dwar l-istorja ta' Filfla. "You know, that rock there is Filfla Rock. You see it, lady? Yes, that one. Once, many years ago, it was part of Malta. Now there are no people living on it because it is used as a target for ships. Beautiful no? Beautiful!"

"Oh, wonderful", qalet ix-xiħa Ngliża.

"Bah!" għedt jien.

Kilt il-ħobż li kont ġibt miegħi, u mort nixrob xi ħaġa minn ħanut li kien fil-qrib. Domt ngħajjat u nħabbat tgħidx kemm; għall-ewwel ħadd ma weġibni ħlief l-inbieħ ta' żewġt iklieb li bħal dak il-ħin donnhom kienu qegħdin jaħsbuni l-ikel ta' nofs in-nhar tagħhom; fl-aħħar ġiet mara, u waqt li tlabtha xi ħaġa x'nixrob, staqsejtha jekk kontx nista' ninżel sa ħdejn il-baħar, għax kont ridt noqgħod ftit għal kwiet, 'il bogħod mit-toroq asfaltati.

"U allura, sinjur," qaltli dik il-mara, "jaqbillek tmur sal-Fawwara. Imma ma jaqbillekx tinżel għall-Fawwara mit-triq tal-*Cliffs* li tieħdok sewwa sew fuq il-quċċata ta' Ġebel Ciantar. Jekk tħobb timxi", issoktat tgħidli dik il-mara, "l-aħjar li tagħmel hi timxi sat-triq li tieħu għal fuq is-Salib tal-Għolja, u minn hemm iġbed għall-Fawwara. Jekk trid idduq bil-mod il-mod is-sbuħija tal-Fawwara hekk għandek tagħmel: it-triq hi twila, imma ara ssibx lil xi ħadd jagħtik rikba."

Issoktat tfehemni kif immur u wara jiena ġbidtha għal hemm. Għaddew xi erba' taxis, imma dawk mhux sa jwaqqfulek. Fl-aħħar għaddew żewġ Ingliżi, li fil-ħmistax li kienu ilhom Malta kienu daru aktar minni, u qatgħuni biċċa sew.

Hekk kif wieħed jieħu t-triq tal-Fawwara, iħoss li qiegħed jitbiegħed mill-ħsejjes tad-dinja u jidħol f'ħemda u skiet, imdawwar bi sbuħija tassew kbira li n-natura sawwret matul is-snin u l-ħerba tal-bnedmin kienet għadha ma ħassrithiex. Id-dehra hija dik ta' presepju. It-triq dejqa, daqqa għan-niżla, daqqa għat-telgħa; fuq naħa l-irdum, bi blat griż ileqq, qisu qiegħed hemm, ċappa ċappa minn xi id ġgantija, jew blat għoli, maqtugħ u mterraq mix-xita u r-riħ; fuq in-naħa l-oħra, l-għelieqi li jinżlu taraġ taraġ sa truf l-irdum fuq il-baħar. Kultant jidher xi razzett ċkejken, donnok ma tafx kif ġie mqiegħed imwaħħal ma' dak il-blat. Sewwa sew bħad-djar tal-presepju. Hemm qasab u ħarrub matul it-triq kollha li twassal sa ħdejn knisja qadima iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.



*Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Fawwara.*

Imma s-sbuħija tal-post tingħabar l-aktar fit-triq li tieħu għall-blat għoli ta' Ġebel Ciantar, għax dik it-triq, magħmula nofs tond donnha tħaddan kollox f'dirgħajha, bħal abside ta' kattidral antik u minsi. Bdejt tiela' sa fuq il-quċċata, u ma' kull pass tinfirex quddiemi sbuħija ġdida u ftit u xejn magħrufa. Striħajt fuq l-ogħla blat u l-ħin beda għaddej bla ma ntbaħt. Kont għajjien ħafna, għax ma nafx kemm kont ili ma nagħmel mixja bħal dik. Għalhekk meta fl-aħħar qgħadt bil-qiegħda fuq is-seat skomdu tal-karozza tal-linja ħassejtni nitpaħpaħ f'sufan tal-bellus.

Xi siegħa wara kont fuq il-karozza l-oħra, dik ta' Ħaż-Żabbar li kellha twassalni lura lejn id-dar. Kif tlajt deherli li rajt lis-sur Karm, ħabib kbir tagħna, li kien joqgħod Birkirkara.

"Dan x'ġej jagħmel Ħaż-Żabbar?" staqsejt lili nnifsi hekk kif qgħadt bilqiegħda ħdejh. Għall-ewwel bilkemm intebaħ bija, bejn għax ftit kien jara, u bejn għax kien mitluf jgħid xi talb.

"X'minnek, sur Karm," għedtlu bi tbissima.

Tani ħarsa bħal wieħed li kien għadu jqum minn raqda twila, imbagħad kif għarafni feraħ bija tgħidx kemm.

"Ġej għandna?" qalli. "Ara qis li tgħaddi għax ilek ma tiġi tarana." Ħarist lejh ftit imħasseb; imbagħad ftakart dak li kien qalli ibnu xi ġimgħatejn qabel meta staqsejtu għal missieru. "Ix-xiħ qiegħed jobloq. Wara kollox, issa qorob lejn it-tmenin. Irridu noqogħdulu għassa sew, għax kultant jaqbad it-triq u joħroġ 'il barra bla ma jkun jaf fejn sejjer u fejn ikun. M'ilux" issokta jgħidli ibnu, "ċemplulna miż-Żejtun għax qabad il-karozza taż-Żejtun minn għalih li rikeb ta' Birkirkara."

Mela llum dan li kien ġralu s-Sur Karm, u għalhekk staqsieni jekk kontx sejjer għandu. Tela' l-karozza ta' Ħaż-Żabbar mingħalih li rikeb ta' Birkirkara! Imsejken sur Karm! Imnalla li ltqajt miegħu jien, għedt bejni u bejn ruħi. Qtajtha li ma ngħidlu xejn li kien rikeb karozza b'oħra għax żgur li kien jinkiser. Għedt nieħdu d-dar għandna, inċempel lil uliedu biex ma jieħdux ħsiebu u nġiegħlu jorqod għandna.

Il-karozza waslet. "Qis li tgħaddi," reġa' qalli s-sur Karm kif inżilna. "Tieħux ħsieb," għedtlu jien. U mingħalih tlaqna għal għandu. Imma jiena u miexi bdejt nintebaħ li dawk it-toroq ma kinux it-toroq li ngħaddi minnhom jien biex immur id-dar. Waqaft inħares madwari. F'ġieħ ix-xjafek! Huwa konna Birkirkara u mhux Ħaż-Żabbar!

Meta l-moħħ jibda jgħejja!......

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

TEL: 21412061, 21412469 FAX: 21437067

• GENERAL CONTRACTORS
• CIVIL ENGINEERING WORKS
• READY MIX CONCRETE BUILDING
• COMPONENTS MANUFACTURERS • SAND
• SPALLS • SOIL • TORBA
• HOT/COLD ASPHALT